MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 67/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fis-27 ta' Frar, 2006 li permezz tieghu A esponiet bir-rispett u bil-gurament ikkonfermat:

1. Illi fl-4 ta' Settembru 2003 hija izzewget lir-rikorrent b'rit civili fir-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta (Dok.A).

2. Illi l-konvenut huwa tat-twemmin musulman u nazjonalita' barranija.

3. Illi l-konvenut meta kkontratta l-imsemmi zwieg la kellu l-hsieb li z-zwieg ikun permanenti ghall-hajja, u lanqas li ma jistax ikollu iktar minn mara wahda fl-istess hin.

Ghaldaqstant fil-mument taz-zwieg kien hemm nieqes element essenzjali ghall-validita taz-zwieg, il-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat, u l-esponenti ghalhekk titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ta' l-4 ta' Settembru 2003 kien vizjat ghar-ragunijiet premessi u ghaldaqstant tiddikjarah null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-kuraturi ipprezentata fl-10 ta' Mejju, 2006 li permezz taghha esponew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u meta jkunu jafu l-fatti jirrizervaw minn issa d-dritt li jissotomettu eccezzjonijiet ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Settembru, 2003 a bazi tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut huwa kontumacji u ma ressaqx provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax*

*taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordinament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-attrici ma ndikatx liema subinciz ta' l-Artikolu 19 qed tinvoka biex iz-zwieg jigi annullat izda mill-kliem indikat fic-citazzjoni jidher li qed jigi attakkat il-kunsnes ta' l-attur u cioe' li dan kien jeskudi z-zwieg jew xi element essenzjali tieghu.

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiet izzewgu wara li l-attrici kienet harget tqila u meta l-konvenut offrilha z-zwieg hija accettat. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li kien zwieg ta' konvenjenza anzi ghandha ukoll suspett li setghu ghaddew xi flus biex sar iz-zwieg; izda billi z-zwieg sar fl-2003 u allura qabel l-emenda li rrendiet tali zwieg bhala reat, mhijex f'posizzjoni li taghmel xejn iktar. Il-Qorti ghalhekk thoss li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (f) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-4 ta' Settembru, 2003. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------